**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 ta` Ottubru 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Anthony Cassar)**

**Vs**

**JOSEPH SCICLUNA**

Kump. Nru. 511/2007

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Joseph Scicluna** bin-numru tal-karta tal-identita 322954(M)**,** gie akkuzat talli fit-12 ta' Marzu 2006, ghall-habta ta' 00:15am, fi Triq Sant'Antnin, Marsaskala, soqt vettura Nru. MRS 156 (1) b'manjiera traskurata (2) perikoluza (3) bla kont (4) u b'giri aktar milli jmissek (5) kif ukoll b'nuqqas ta' hsieb bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Janice Zammit u Jonathan Mifsud skond kif iccertifika Dr. Stephen Muscat M.D. ta' S.L.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tas-7 ta` Awwissu 2007 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara *a folio* 17);

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet trattazzjoni;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Marzu 2006 f'Marsascala bejn vettura tal-ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni MRS 156 misjuqa mill-imputat u ohra tal-ghamla Honda numru ta' registrazzjoni DBD 385 misjuqa minn Christian Mizzi. Konsegwenza ta' din il-habta sofrew feriti ta' natura gravi zewg passiggiera li kienu fil-vettura Honda, propju Janice Zammit u Jonathan Mifsud.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti tirrileva illi fil-kawza odjerna ma ngabux provi bizzejjed in sostenn tal-imputazzjonijiet migjuba.

Din il-Qorti ma hijiex sorpriza li gara hekk u dana ghaliex il-mertu tal-kawza gie abbundantement indirizzat fil-kawza fl-ismijiet *"Il-Pulizija vs Christian Mizzi",* deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali diversament preseduta (Mag. A. Micallef Trigona) b'sentenza tad-9 ta' Lulju 2013, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali permezz ta' sentenza tal-4 ta' Novembru 2013 (App. Nru. 352/2013 AM). Bazikament, gie deciz illi ghall-incident, mertu ta' din il-kawza, jahti unikament Christian Mizzi, is-sewwieq tal-vettura DBD 385 tal-marka Honda. Irrizulta ampjament illi Joseph Scicluna, li kien qed isuq il-vettura MRS156, kien niezel fi Triq Sant' Antnin Marsaskala sejjer lejn Misrah Mifsud Bonnici. Malli huwa wasal hdejn Triq Sant Anna, il-vettura misjuqa minn Christian Mizzi, li kienet gejja fid-direzzjoni opposta, f'daqqa qasmet il-karreggiata biex tipprova tidhol gewwa Triq Sant Anna bil-konsegwenza li sehhet il-kollizjoni bejn iz-zewg vetturi msemmija.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

Illi mhux biss li fil-kawza odjerna ma ngabitx prova wahda li tista b'xi mod tindika li l-imputat ghandu jinzamm responsabbli ghall-incident de quo, izda oltre minn hekk din il-Qorti taqbel perfettament mal-interpretazzjoni tal-fatti rizultanti maghmulha miz-zewg Qrati msemmija fil-kawza msemmija "Il-Pulizija vs Christian Mizzi", fejn gie deciz minghajr ekwivoku illi kien effettivament Christian Mizzi l-persuna/sewwieq responsabbli unikament ghall-incident de quo.

**<u>Decide:</u>**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LIL JOSEPH SCICLUNA MHUX HATI TA` L-IMPUTAZZJONIJIET DEDOTTI KONTRA TIEGHU U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur